MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Avviz Numru. 91/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**
**Vs**
**Kevin Lungaro Mifsud**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat mill-Bank attur nhar is-17 ta’ Marzu 2010, fejn talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ ghaxart elef, mija w ghoxrin Ewro u tlieta w disghin centezmu (€10,120.93) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Accounts*” tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok A1 sa Dok A4 u B1 sa B3) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-2 ta’ Frar 2010 sad-data tal-effettiv pagament, liema *loans* gew moghtija lill-intimat permezz ta’ zewg skritturi privati datati fit-13 ta’ Marzu 1997 u fit-13 ta’ Frar 2004 (Dok C u Dok D).
U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati hawn fuq indikati u cioe’ Dok C u Dok D, partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut:

a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi; u
b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati; u/jew
c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta' ta' hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici' u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 11 ta' Novembru 2009 (Dok E), kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-atti nhar it-13 ta' April 2010 fejn espona s-segwenti:-

*1.Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli mil-Ligi.*

Semghet lil **Romwald Attard** jixhed ghan nom u in rapprezentanza tal-Bank attur, jghid li huwa l-Manager tal-Litigation Department tal-Bank attur. Huwa kkonferma li minn meta gie pprezentat ir-rikors, u cioe' mis-17 ta' Marzu 2010 'il quddiem, il-konvenut m'ghamel l-ebda pagament lill-bank attur u kkonferma li d-debitu msemmi fir-rikors promotur ghadu dovut.

Rat illi l-konvenut la deher u lanqas ressaq xi xhieda jew prova in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu.

**Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tilqa' t-talba attrici kif maghmula fir-rikors promoter, u dan billi tikundanna lill-konvenut ihallas lill-Bank attur is-somma ndikata fir-rikors promotur ta' ghaxart elef, mija w ghoxrin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€10,120.93), u tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut.**

**Bl-ispejjez kollha a karigu tal-konvenut, bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficcjali, u cioe' mill-11 ta' Novembru 2009, ukoll a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------